# IL HABIB

Joħroġ cull nhar ta tlieta, barra mil gimgha il Cbira u il gimgha ta Labsi.—L'imsieħbin ta Malta u Ghaŭdex jisŭielhom, bil Posta b'collox, tliet xelini fis-sena, li jistghu jitħallsu xelin cull erba' xhur, bil kuddiem. Ta Barra, jisŭielhom xelin actar fis-sena u jaħtieġ iħallsu ghall'inkas bis-sitt xhur fuk. Min ma javżax xahar kabel taghlaklu is-sena, jirtabat ghal oħra.—Ebda chitba li tasal f'idejn id-Direttur ma tarġa tirtadd l'ura.

Imżeŭŭak b'cull xorta ta daŭl, ta tagħlim, ta aħbarijet u ta moghdija taż-żmien: imma dejjem nisrani u *ħabib tal-kalb.*

Proprietarju: il *Cumitat tal Ghakda tal Appostulat tat-Talb,* li kankal u sejjer imexxi dan il kari tajjeb, ghall gid tal Maltin.

Direttur: is-Sur Ġużè Muscat-Azzopardi (strada santa Lucija, numru 89.)

Amministratur: is-Sur Anġ. Galea (str. Brittanica, numru 53).

Stamperija: *G. Muscat* (strada sant'Orsla, numru 213).

IT-TIENI SENA. IT-TLIETA, IS-26 TA AŬISSU, 1913. NRU. 79.

*Inbiercu b'kalbna collha il HABIB, gażetta bil Malti, u nirriccmandaŭħ lir-Reverendi Cappillani, biex ixerrduħ kalb l'insara tal Parroċċi taħħom, ghax nistenneŭ minnu gid cbir.*

*Mil Belt, fid-19 ta Jannar, 1912.*

† P. ARCISKOF U ISKOF.

## NITOLBU

l'imsieħbin tal *Habib* li ghadhom l'ura fil ħlas biex jiġu jaghmlu dmirhom: hemm xi uħud li ghadhom ma ħallsu katt. Daŭc tar-Rħula nitolbuhom li jiġu iħallsu il *Librerija* ta *Strada Mercanti, numru 48,* taħt il Monti, ghax ma jakbilx naghmlu li spejjes biex nibaghtu ir-ragel li maghna jiġri ŭarajhom. Imissu jiftacar cull-ħadd li il *Habib* m'hux ħŭejjiġna: imma ħŭejjeġ ix-*Xirca tal ħaddiema u in-nies tax-xoghol.*

L'AMMINISTRATUR.

## IL KASSIS.

Aħna nilmħu fostna Ragel, li ma hux bħal irgiel oħra, seŭŭa fil lbies, chemm ucoll chif igib ruħu. Dan ir-ragel ighix ŭaħdu, il familja tieghu hi il ghakda tal bniedmin; issibu cullimchien imsejjaħ bħala imħallef, bħala bniedem biex jati parir, bħala ragel biex jaghmel il paci.

Hu il bniedem li jilka' it-tifel li ghadu jitŭieled biex imexxiħ fit-triek tal ħajja, u imbghad fl'aħħar iŭasslu fil kabar: minghajru ma nistghux nghixu u inkas immutu, ghaliex hu ibierec il benniena u it-tebut: minghajru ma nistghux insibu felicità u la fuk dina l'art u inkas fis-sema.

Lilu iħobbu, lilu jistmaŭ u minnu ghandhom beżgha it-tfal: lilu isejjħu, anche dauc li ma jafhux: *Missier (Sur Patri)* — ghandu l'insara ikerru dnubiethom, u lilu jafdaŭ il ħsiebijet taħħom u is-segrieti ta kalbhom; hu tabib tar-ruħ, li dejjem jirricorru ghandu, ghax ma jiżbaljax — hu il bniedem li sgur imexxi fit-triek it-tajjba il kalb li tcun żbaljat.

Dan il bniedem jista icun imnissel tant mil baxxi chemm ucoll mil ghônja—mil baxxi *ħafna drabi* imħabba it-tŭelid tieghu, *u dejjem* imħabba il môd tal ħajja tieghu, *dejjem* semplici—mil *gholjin dejjem* imħabba il gherf tieghu—imbghad ighaddi il cullħadd bil libsa tal kdusija ta ruħu.

Hu, imbghad, li ighallem fuk collox, ghax ghandu il jedd li jitħaddet fuk collox, u cullħadd bil gost jisma il chelma tieghu.

Dan il bniedem hu it-triek bejn il ghâni u il fkir; il ghani ghandu imur biex jaghmel carità mal fkir — u il fkir, bla ebda mistħija, jilka b'idu il carità minn ghand dan il bniedem.

Dan il bniedem min hu? Il Kassis!...

Il Kassis ighix ŭaħdu — ma hux miżżeŭŭeġ ghax, chif kâl Cristu, ħadd ma jista iservi żeŭġ inghallmin, u il Kassis ma iridx jaksam il forzi tieghu bejn Alla u bejn id-dinja, bejn il familja tieghu u dic il familja li taħ Alla biex jaħseb fiha, li hi il merħla tieghu; hu irid iservi li Mghallem tieghu, irid jimxi chemm jista' biex ġurnata jakla' dac li ŭeghdu Cristu, irid nghid li daŭc li ma icunux miżżeŭŭgin fis-sema jimxu dejjem mal Ħaruf bla tebgha, u lilu icantaŭ cant li ħadd ieħor ma icunx jista' icanta.

Ħadd ma jista' jaghmel gîd daks il Kassis.—Hu li jippriedca l'Evangelju, li iżomm dejjem kuddiem ghajnejħ u f'kalbu; u l'Evangelju jirrispondi dejjem ghat-tnehid u ghall bichi collu—ghaldakstant l'immnicctin isibu dejjem fil Kassis is-salvatur, ghax Cristu kâl: *Min jisma lilcom* (il Kassisin) *icun jisma Lili.*

Ghaldakshecc il Kassis hu l'aħjar ħabib tal bniedem.

Fuk spallejn il kassis insibu imghobbija il Fidi nisranija—hu il gherk li idum ghal dejjem, il gherk ta dic is-siġra li chienet miżrugha fuk il Calvarju u li tati frieghi li ma jispiċċaŭ katt,—hu il ġardinar li jieħu cura ta din is-siġra biex mhux biss tati frott, imma biex minnha inissel xtieli fi klub il bniedmin ħalli ġurnata icunu henjin.

U bħall li Mghallem Divin tieghu, hu ucoll jurina, bl'esempju tieghu, chif ghandna nimxu scond il cmandamenti t'Alla, ghaliex ebda chelma ma taghmel actar gîd, ebda ilsien ma jolkotna actar mill'esempju tal *Virtù.*

Il Kassis hu ir-ragel li jaf il bniedem seŭŭa, u ghaldakstant giè maghżul biex jati ir-rigali li hu ircieva: is-Sagramenti imkaddsa u il Carità: daŭna ircevihom bla flus u bla flus jatihom—u min jaf chemm carità jati minn tieghu ucoll.

Chif is-Salvatur ried min ichellmu meta, ŭakt li chien miexi fuk il baħar, ghamel ta bir-ruħu li chien sejjer jibka' ghaddej; chif f'Emaŭs Hu ried li icun mistieden, meta ghal taparsi ŭera li irid joħroġ; chif Alla irid min jitolbu; hu ucoll il Kassis, minghajr mitlub, ma jati xejn, ghax hu jaf li min m'hux bil ghatx jirrifjuta l'aħjar xorb.

Il bieb tal Kassis ma hu maghluk ghal ħadd, seŭŭa ghâni, chemm ucoll fkir—hu jistma il cull-ħadd bħal ulied ta dic il familja cbira, li hi mghakda permezz tat-tbatija u tat-tâma.

U lilu xejn ma iżommu, u la tempesti, u la xita, u la sħana, u la bard, u la mard li jittieħed, u l'ankas it-tbatijet tieghu stess, meta icollu bżonn joħroġ bil Vjatcu.

Il Kassis, mil ftit li jista' jiġbor mil merħla tieghu, jaghmel minn collox biex iżejjen il Cnisja: imma l'isbaħ Cnisja m'hix meta aħna inħarsu lejn is-sema, chif in hu micsi b'li stilli? Dic hi l'isbaħ tinda li taħtha aħna ninsabu.

L'isbaħ żîna tal Cnisja hi il Kassis stess. Il merħla tħares lejn Câlci tal fidda u lejn Câlci tad-deheb b'li stess indifferenza, imma il gibda tal kalb lejn il Cnisja titcattar actar bl'imħabba li jaf jiġbed il Kassis mil merħla tieghu.

Min-nies tad-dinja collha, il Kassis hu il bniedem li ma ghandux mistrieħ, ghax ghaliħ tmur cull ħin il merħla tieghu, issa ghal ħaġa u issa ghal oħra, u sa frattant hu dejjem cuntent, ghax jaghmel il gid.

U, jecc ŭara bosta snin, il merħla tcun mietet, il Kassis jista' ighid li fuk din l'art ghâx ghal xi ħaġa, ghalavolja bi tbatija cbira—icun ghâx biex baghat il merħla fis-Smeŭŭiet.

(Mil gażetta tal Esperanto *Espero Katolika.*)

Dr. Gustavo Busuttil.

# Li Storja tal Papiet.

II.

## San Linu.

Dâm Papa ħdax il sena, tliet xhur u tnax il jum.

Sar fis-sena 67, miet fit-78.

Scond l'aħjar chittieba, ŭara il meŭt ta San Pietru bida imexxi il Cnisja ta Gesù Cristu San Linu, dac stess li minnu imur jitħaddet San Paŭl fit-tieni ittra lill Timotêŭ. Missieru, bniedem gentil (jigifieri mhux lhudi) chien jismu Ercolanu. Giè imŭieled f'Volterra, belt kadima tat-Tuscana. Ghalchemm gentil bħal missieru, San Linu malajr sâr nisrani u issieħeb ma San Pietru fix-xoghol tal Cnisja.

Jinghad li ħabbar lill Franza u imbghad giè maghmul Iskof ta Besanzone u ŭara chien jokghod f'loc San Pietru stess f'Ruma, meta dan chien joħroġ biex imur iżur l'insara ta band'oħra.

Dment li chien Papa San Linu, ġrat il meŭt ta Neruni u il kirda ta Gerusalemm minn Titu bin Vespasjanu, chif chien imħabbar minn 40 sena kabel minn Gesù Cristu.

San Linu deher xrara nar fit-tŭemmin ta Gesù Cristu u ma chienx jaghmel ħaġ' oħra ħlief isaħħaħ l'insara f'cull ma chien ghallem in-Nazzarenu u jiġbed lejħ l'eretici. Huŭa iccundanna l'iżbalji ta Menandru u sħabu, li fittxeŭ bit-taghlim taħħom jiżirghu żerriegha ħażina fuk il bniedem.

Chif igharrfuna Sangallo u De Plove huŭa żied xi talb fil kuddiesa u ordna li in-nisa ma jistghux jidħlu xŭiexi fil Cnisja. Biex il Cnisja tcun tista' tcompli timxi, ghamel żeŭġ ordinazzjoniet fix-xahar ta Dicembru, fejn mar jaghmel 15 l'iskof u 18 il kassis. Chien Papa cbir u ŭisk maħbub mill'insara. Giè maghmul Papa fit-30 ta Ġunju tas-sena 67 u miet martri taħt il killa tal Conslu Saturninu, fis-sena 78, ŭara li fejjaklu il bintu. Giè midfun fil Vatican, ma genb San Pietru. Jinghad li, ma tûl il Papat ta San Linu, ħadu il meŭt l'Appostli Sant'Andrija u San Bartilmeŭ. Hecc giet mghakkda it-tieni ħolka ta dic il catina tŭila li taghmel il Papiet successuri (*ŭerrieta*) tal Appostli.

P. A. B.

## ŻEŬĠ SIĠRIET

Kalet il Liedna: Jen bħal serp nitcaxcar,
niġri u ndur cull jum ma cullimchien;
ninżel u nitla, nidħol u nitcarcar,
triekat moħbija u ġodda nfittx f'cull żmien!
Ma jżommni xejn fil faħxi mixi tieghi,
infittex id-deghbien tal hemm, titrabba
il ħdura minn fejn nghaddi, nifrex mieghi
ghaniet il ħajja sbejħa: Jen l'Imħabba.

Kal iċ-Cipress: Bil kajl il fuk nitgholla,
naħiet il cħula nħares u nrodd talbi;
inbus ix-xemx u b'tieghi l-ħeġġa collha
in-nichet nafda maħħa minn ta kalbi.
Ma nidħol, ma nitcaxcar katt. Mixtieka
ghal gholi moħbi nbus bŭieb is-smeŭŭijet;
mitlufa l-carba tieghi ta cull dieka
fil baħar minghajr tmiem: Jen omm li Mŭiet!

14-8-913

G. Arena.

Dan in-nitfa ta Sunett ctibnieħ, mitlubin mir-Reverendu Cappillan Dun Pietru Paŭl Żammit, ħabib ghażiż taghna, ghall festa ta lbieraħ tl'ura:—

## SAN BARTILMEŬ.

Sunett.

«Araŭħ il Lhudi ta bla kerk»—kâl Cristu,
chif lemħec riesak lejħ b'ghajnejc micsura;
u b'sebghu uriec lil daŭc in-nies miġbura,
li donnu ried ighid «Jen f'ruħu kistu!»

Minn dac il ŭakt,cull ħajr battâl ghacchistu:
u mil ħsieb ġdid ma rġajt katt iżjed l'ura,
u tajt lill fkar chemm chellec fil matmura,
u it-tokol tas-salib ħaddantu u bistu.

Imbaghd, kalbieni, mxejt ŭara li Mghallem:
u, malli baght jimliec b'Nar-il-Kdusija,
dac li chien ghallmec lill'oħrajn mort tghallem.

Iżda fil meŭt ucoll, chif Hu chien basar,
chellcom tixbħuħ it-Tnax minnu mdorrija;
u mitt misluħ minn daŭc li fdejt mil jasar.

G. Muscat-Azzopardi.

# Ma dûarna.

Ghada, jibda it-tridu tal festa ta San Giljan, li issir nhar il ħadd li gej: il priedchi tat-tridu sejjer jaghmilhom il Professur Dun Michiel Barbara, li m'haŭnx Malta pulptu ma jafux; u il panigircu ta nhar il festa, ŭakt il kuddiesa, sejjer jaghmlu il Patri Majjistru Spiridjun Vassall, Provincjal tal Carmlitani, predicatur ieħor mill'imsemmija. Il Cappillan ta San Giljan minn dejjem iħobb jaghżel Predicaturi mill'akŭa: u ghadu ma ħareġx minn kalbna il panigircu li ghamel is-sena l'oħra ir-Reverendu Patri Lettur Gondisalv Camilleri, tad-Dumnicani, li fil Habib conna sejjaħna *onur tal Ordni tieghu u tal Cleru collu ta Malta.*

—La semmejna il Cappillan ta San Giljan, inŭieġbu lil dac il ħabib li chitbilna ilbieraħ biex jistaksina ghaliex *P. A. B.* ma ghamilx ismu sħiħ taħt l'eŭŭel articlu ta li *Storja tal Papiet,* mibdija hecc tajjeb, li *P. A. B.* ifissru seŭŭa-seŭ *Parroco Amabile Bonanno.* Il ħabib taghna, Sacerdot mil gheref ta Malta, ghandu ragjun: li *Storja tal Papiet* sejjra tcun ħaġa sabiħa, seŭŭa fiha in-nifsha, ghax ta taghlim cbir, u seŭŭa chif in hi gejja mictuba. Chemm haŭn, ja ħasra, min jicteb tajjeb bil Malti u ma jixteħetx ghaxxoghol, li hu tal icbar fejda ghall Poplu, jecc ma isibx min jinbuttaħ, bħalma chellna ninbuttaŭ ir-Reverendu Cappillan Dun Mabbli Bonannu, sa chemm ħajjarnieħ. Il ctib tajjeb bil Malti ma jicconsistix fil *cliem* sâfi sâfi, bħalma jaħsbu x'erbgha boloħ, imma fil *ħsieb* malti u fil *frasi* maltija, li il Cappillan Bonannu jippossidihom ħafna.

—Kieghda issir mad-dinja collha cattolica ġabra ta flus, biex jinbina Pompej, ma genb il Bażilica tal Madonna tar-Rużarju, Campnar famus, chif jixrak lil dac is-Santŭarju tal ghageb: u aħna, minn jeddna, nirriccmandaŭ lill karrejja taghna li cull-ħadd jati dic il ħaġa żghira chif jista': anzi, min irid jinkeda bîna, aħna nieħdu il ħsieb li ngharrfuħ fejn jista' iniżżel ismu u jibghat dac li icun irid jati. Cull lakxa tirfed li mramma, ighid il Malti; u il Campnar ta Pompej sejjer icun imramma cbira. Biżżejjed nghidu li sejjer icun ghôli ma dŭar 39 kasba, u fuku icollu Salib ta iżjed minn erba' kasab tûl, li cull lejla jigi mixghul b'lampi ta *luce elettrica* mill'actar kaŭŭija biex jidher minn Napli. Icun imżejjen b'irħamijet mill'ifien u b'colonni tal granit: u icollu taraġ u *lift* li, fil ghôli ta 28 kasba, jatu ghal gallarija mad-daŭra tieghu. L'ismijet ta cull min jati mkar ħaġa żghira, mkar ftit ħbub, jinżammu fi ctieb b'tifchira; u min jati jeŭ jiġbor mit *franc* (erba' liri ingliżi), icollu ismu sculpit f'irħamiet imŭaħħlin mal ħitan ta geŭŭa il Campnar. Id-devozzjoni tal Madonna ta Pompej hi cbira haŭn Malta, bħalma hi cbira maddinja collha nisranija: u m'hemmx bżonn nghidu actar.

—Niżżu-ħajr lill Commendatur Fonsu Galea, li ghoġbu jibghatilna in-numru 129 tal *Cotba tal Moghdija taż-Żmien,* bl'isem ta *Teftif imlakkat,* fejn hemm miġbur, fost l'oħrajn, l'articlu *Chienet b'riżku,* li is-Sur Fons, ilu ftit gimghat, chien gieb fil *Habib.* Is-Sur Fons, veru ħabib tal Poplu, barra min-nefka mil bût, kieghed jati lill *Moghdija taż-Żmien* biċċa cbira mil ġurnata tieghu, bla ma jixba' katt, Alla ibierc.

—Il Professur Cuschieri, Patri Majjistru tal Carmlitani, giè mghajjat Ruma, fejn il General tal Ordni libbsu bis-setgha li jigi imexxi f'lôcu haŭn Malta il Capitlu ghattibdil tas-Superjuri collha tal Procincja Maltija; u jinghad ucoll li, malli jaghmel dan, jarġa imur malajr Ruma.

—Nifirħu lis-Sinjuri—Sacerdoti u Seculari—li ħadu taħt idejhom li Stitut *San Paolo* (Strada Sant'Orsla, numru 23a.) u nifirħulhom ŭisk actar ghax irnexxielhom il ħsieb taħħom li Monsinjur Galea (*Dun Paŭl* taghna) jidħol ghad-Direzzjoni ta dac li Stitut. Monsinjur Galea ħalla fâma cbira ŭrajħ tal ħila tieghu f'dic il ħidma mita chien Rettur tas-Seminarju. Li Stitut jiftaħ fil ħmistax ta settembru li gej u il ctîb tat-tfal jibda mill'eŭŭel ta dac ix-xahar.

—Aħna ghoddna xieħna u id-dinja bakghet chif chienet. Darba, ilu xi 35 sena, conna ctibna articlu fuk tenur fil *Corriere Mercantile;* u il pitghada, f'li stess siegha, ħarġu ghalina il *Portafoglio Maltese* u ir-*Risorgimento*: taŭna xebgha it-tnejn: imma il *Portafoglio,* li chien partitarju tal Impressarju, ghax deherlu li dac it-Tenur conna makdarnieħ u ghafasnieħ iż-żejjed; u ir-*Risorgimento,* li chien contra l'Impressarju, ghax deherlu li dac it-Tenur conna faħħarnieħ u mellisnielu actar milli chien ħakku. Il versall, jigifieri l'articlu taghna, chien ŭieħed: imma il chittieba tal *Portafoglio* u tar-*Risorgimento* ma chienux immiraŭ ghaliħ b'nuċċali ta vîsta ŭaħda! Hecc raġa ġara issa! Anzi, din id-darba il praspura ftit isbaħ, ghax mhux f'żeŭġ gażetti differenti, imma f'li stess gażetta, f'li stess faċċata ta li stess biċċa carta, żeŭġ chittieba isemmu il *Habib*: il ŭieħed, Anonimu, biex ighajjru *ipocrita, partitarju, ghiddieb, jaghmilha ta ibleħ*; u l'ieħor biex ifaħħru u ighidlu *li hu jafu biż-żejjed u jaf li ma jaktax addoċċ bla ma jati ir-ragiunijet xierka!*—Collox seŭŭa: mela, aħna nistghu nokoghdu bi qŭietna; u MA NŬIEĠBU KATT, la lill ŭieħed u inkas lill'ieħor!

—Jiddispjacina li ma nistghux nakdu lis-Sur Ġużè Attard, ta li Msida, la bl'articlu il cbir, li chien diġà baght fejn messu jidher bil ħakk u is-seŭŭa, u inkas bl'articlu iż-żghir, li baghtilna mieghu: ir-ragjuni ghadna chemm ghidniha f'dan li stess articlu u fuk li stess argument. Imma is-Sur Attard jista' ma iħabbilx rasu b'dac li ġralu, ghax aħna nafu chif jaħsibha u Monsinjur Galea jafu daksna. Il bjuda tal kalb tinkara fl'abjad tal ghajnejn, kâl, darba, ŭieħed!

—Il Gvern ħareġ is-sensja biex isiru ittombli fil Cażini tal baned collha ta Malta u Ghaŭdex. Is-Suprintendent tal Pulizija, li ħabrec ferm biex din il biċċa tirnexxi u nafu fis-sgur dan li kieghdin nghidu, baghat ghall Presidenti tal baned tal erba' ti Bliet, tal Furjana u tal Ħamrun, li inġabru ghandu biċċa il ħamis u biċċa il gimgha li ghaddeŭ (naħsbu li ma tal Campanja u ta

Għaŭdex tchellem ucoll) u fissrilhom taħt liema pattijet il Gvern sejjer jatihom din is-sensja: pattijet l'actar mexxejja u sbieħ. Nifirħu lill baned collha u niżżu-ħajr lis-Sur Curmi.

## Minn gimgħa għal oħra.

*16 ta Aŭŭissu*—Is-sena li għaddiet, jigifieri minn April tal 1912 għal Marzu tal 1913, il Gvern daħħal mil Ferrovija £6,322, u nefak għaliha £6, 258. Mela il kliegħ collu chien erba u sittin lira. Imma jecc ŭieħed jiġbed l'imgħaxijet tal flus li il Gvern tafa' fil Ferrovija u dacli kamitlu di's-sena l'*iscola tecnica*, li hemm il Hamrun mgħal Ferrovija, nsibu li hu mar minn taħt fuk £446. Fukhecc il Gvern chemm il darba ħabat ifettillu li jeħles mil Ferrovija, ŭara li għarrakha bit-tram, li ħallihom iŭassluh sa Birchircara. Ma kishiex il Gvern, u issa għandu għokla bil Ferrovija.

—Il Gvern dari jati tliet galluni ilma b'xejn għal coll ras; issa mil eŭŭel ta Ottubru li gejj l'ilma collu jitħallas, u'l ħlas icun għal cull ras:

Taħt it-tliet galluni culljum, 3d. għal coll 1000 gallun.
Actar minn tlieta u taħt is-sitta, 1s. għal cull 1000 gallun.
Actar minn sitta u taħt id-disgħa, 1s. 6d. għall cull 1000 gallun.
Actar minn disgħa u taħt it-tnax, 2s. għal coll 1000 gallun.
Actar minn tnax, 2s. 6d. għal coll 1000 gallun.

Imma min irid jista' jagħżel li iħallas 1s. 3d. għall cull 1000 gallun li jaħli. Din ittaxxa ġdida sejjra actarx tcun ta deni għal indafa u's-saħħa li hi bintha, għax bosta li tigihom tkila li iħallsu għal ilma, iduru għal għajjun, u daŭn ilma biż-żejjed ma jatux. U mbagħad dan għal disa' mitt lira l'actar li tista' iddaħħal il Caxxa? Dac li takla' mil ilma tonfku mbagħd fl'isptarijet.

—Il Captan tal vapur *Trevessa*, li daħal ilbieraħ, ta' *rapporti* id-Dŭana, li fl'14 ta dan, ŭakt li chien 53 mil bogħod minn *Capo Passero*, lemaħ il vapur grieg *Mili* isejjaħ fis għal għajnuna. Minnufih cala' il cajjicchi, u rħeŭlha għal fuku. Niżżlu in-nies li chellu, tliettax b'collox, u chif tbegħdu ftit il vapur niżel affond. Chellhom xorti li Alla lakkaħhom magħ dac il vapur!

—Il bieraħ, Marsamxett, chien għoddu għerek tifel ta ħames snin, li ma kabisx għalih Toni Spiteri, baħri ta fuk is-sottomarini. Tgħid ħakkux midalja? Imma ituhielu u ma ituhielux, l'hena li hu iħoss f'kalbu meta jiftacar li ħeles lil dac it-tifel mil meŭt, hija akŭa minn coll ħlas li jista jatih bniedem. Flus, midalji, unuri huma frugħa kuddiem din il hena li hija xbiha u tarf ta dic, li Alla hejja għal min f'di'd-dinja jakbes għal għajru.

—Il Ħamis li għadda ġrat disgrazzja tas-Sliema. Żeŭġt itfal zgħar għal ħabta tas-sitta ta ŭara nofs in-nhar, chienu fil gnien jilagħbu, ŭakt li ommhom chienet tonxor. Ħin bla ŭakt nstama' ħoss cbir. L'omm nħasdet, tbiccmet bil katagħ; imma mbagħad meta samgħet it-tfal jibcu bħal ŭieħed miġuħ, kalbha tħabbat għal erbagħ telket bilġri għal ħdejjhom tara xi ġralhom. Msejcna omm! issibhom it-tnejn feruti, u ŭaħda minnhom bi tliet sŭaba minn idha ŭaħda mtajjrin. X'kalb baka' fiha tara lil bintha immancata għal dejjem! Giè it-tabib u deŭŭa it-tifla mil aħjar li sata' u mbagħad bagħtha l'isptar. X'chienet il biċċa? Il Pulizija għadha kiegħda titchixxef, għax min igħid li it-tifla chienet kiegħda tilagħb bi scartoċċ u ħadilha f'idha, u min irid igħid li ntefgħet bomba fil ġnien.

*18 ta Aŭŭissu*—It-tiġrija ta Santu Roccu ma spiċċatx b'ŭiċċ il gid di 's-sena. Ŭakt ŭaħda mil *corsi*, ragel, bix-xeŭka li jara il bhima tiegħu toħodlu l'eŭŭel, ħareġ f'nofs it-triek iħeggeġ il gerrej. X'telfa jaħasra! Nvestih żiemel chif chien gejj mlebbet u firxu mgħal art għal mejjet. Ġarruh l'Isptar u ŭara jumejn mar għand Alla. Chien jismu Ŭenzu Saliba u chien mil Imsida.

—Il-lejl ta kabel miet ucoll l'Isptar Peppi Rapa, min Ħal Kormi, li chien iġġarraf ġo bir fieraħ, għax nkata' bih is-sellum tal ħbula li bih chien nieżel.

—Fix-xahar li għadda Malta tŭieldu 458 u mietu 488; Għaŭdex tŭieldu 52 u mietu 46.

*19 ta Aŭŭissu* — Il premju tat-tobba (£170), li sa'l-lum chienu għadhom ma katgħux lil min imiss, taŭħ lis-Sur Salvinu Vassallo. Nifirħulu minn kalbna u natuh minn issa il viaġġ it-tajjeb. Għal min ma jafx, daŭc li coll Laŭrja jieħdu il premju, u huma tlieta kassis, tabib u avucat, għandhom imorru jitħarrġu għal sena barra.

—L'esami tat-tfal biex jidħlu il Liceo jarġa' isir fil ħmistax tad-dieħel fit-tmienja ta filgħodu. Hemm żmien biex jinchitbu sa's-siegħa ta ŭara nofs in-nhar tad-disagħ taddieħel. Biex tifel jinchiteb ŭara irid iħallas 10s. barranin, u ŭara it-tliettax ma icunx jista' jinchiteb iżjed.

Il Habbâr.

### L'ITTRA GH (*GHAJN*) FIL MALTI.

Din l'ittra hi ŭaħda mill'actar mexxejja fil ctib tal Malti: imma fiha in-nifsha ma għandha ebda leħen: m'hix ħlief *gheliem* (*sinjal*) ta mita għandna insemmgħu il *vocali* minn grieżmejna u għal hecc ma tista' katt tokgħod ŭeħidha. Per eżempju: *Alla*—Dio—u *għalla*—cresta (tas-serduc); *id*—mano—u *għid*—festa (nhar il għid); *ommha*—sua madre—u *għomma*—caldura (sħana).

Mela, il *għ*, bħala *sinjal* li hi, ma għandha x'taksam xejn mal ligijet tal *ortografija* u cull-ħadd għandu il jedd li jictibha chif irid hu. Fl'antic, chittieba mill'aħjar, biex juru mita il *vocali* jaħtieġ tissamma' mil grieżem, chienu jictbuha doppja, jigifieri chienu jagħmlu tnejn minn dic il *vocali* ŭara xulxin: chienu jictbu *aasel* (miele) — *eerf* (scienza) — *iira* (gelosia) — *oogol* (vitello)—*uuda* (legno). Oħrajn chienu ikiegħdu kuddiem il *vocali* ittra li tcun u minn dakkiet rasha l'isfel: biex ma nibkgħux sejjrin l'ura sa żmien il Vassalli, insemmu biss il Falzun, li *għalla*, *għid* u *għomma* chien jictibhom ɑalla, ɑid u ɑomma. Imbagħd, giet ħabta, actar krib lejna, li f'lôc il *għajn* (*għ*) xi uħud chienu jictbu g̃ u oħrajn, fosthom aħna stess, chienu jużaŭ *g* u *ħ* imŭaħħlin ma xulxin—tîpa li chienet giet maħduma haŭn Malta apposta. *L'Evangelju ta San Matteŭ*, li ħriġna fis-sena 1895, maħdum hecc; u jiddispjacina ħafna li ma għandniex tîpa minn daŭc biex nuruhielcom, għax aħna jidhrilna li dic hi l'aħjar ŭaħda biex tingħażel il *għ* sinjal mil *għ* ittra, jigifieri, nghidu aħna, il *għ* ta *gheneb* (uva) u ta *għilt* (errore) mil *għ* ta *għendus* (toro) u ta *għidba* (bugia).

Tas-seŭ li hu ftit fil Malti il cliem fejn il *għ* m'hix actar *sinjal*, għax il *g* kuddiem il *vocali a*, *o*, *u*, tagħmel dejjem *ga*, *go*, *gu*, (*gamiema*, *gozz*, *gundalla*) bħat-Taljan: imma kuddiem il *vocali e* u *i* iggib, għad li fil bgħid, dac il għaŭġ li għedna, għax, biex ngħidu mkâr ŭaħda, *għidi* (capretto) u *għidi* (la mia festa) jaħtieġ jinchitbu li stess.

Għalhecc illum haŭn ħafna (fosthom is-Sur Ġann Vassall, li hu Mħallef tajjeb, biex ma nokogħdux insemmu is-Sur Preca u il mejjtin l'oħra) li il *għ* bħala *għajn*, jigifieri bħala *sinjal* biex il *vocali* tissamma mil għerżuma, jictbuha *ħ*, għad li l'ittra *ħ* bil katgħa f'rasha (*ħ*) għandna nakraŭha *eħħe* (*ħalib*, *ħelu*, *ħîla*, *ħosba*, *ħuta*). Fil *Habib* stess, *Dun Paŭl* (Monsinjur Galea), is-Sur G. Micallef, is-Sur Fons Galea, is-Sur Cremona, is-Sur Micallef-Goggi u oħrajn jictbu ucoll il *għajn* bl'ittri *għ*: u aħna katt ma biddilnihomlhom, għax bħalma għedna fuk dan is-sinjal, li ma jindaħal xejn mal ligijet tal *ortografija*, cull-ħadd għandu il jedd jagħmlu chif jogħġbu........

Imma nistħajjlucom tistaksuna: *U issa x'in hi il għakda ta dan il cliem collu li għedt?*.. Il għakda hi li, sinjal b'sinjal, m'illum il kuddiem fil *Habib* aħna ucoll nictbu il *għajn* bl'ittri *għ*; u hecc, għall'inkas f'dan, incunu ilcoll ta leŭn ŭieħed. Fil ħarġa ta ŭara din, nibdeŭ, mela, bil *għ*; u, imbagħd, bil għajnuna t'Alla, naħsbu ftit ftit għal xi ħaġ'oħra, sa chemm, jecc jista' icun, niġu nictbu ilcoll għalenija.

### LAKGħA

*ta daŭc li iħottu il mercanzija ix-Xatt.*

L'Avucat Mizzi, Direttur tal *Malta*, għoġbu jistedinna għall *Lakgħa* li saret iċ-*Circlu*, ilbieraħ tl'ura, fl'4 u nofs ta fuk nofs innhar: u darb'oħra nidħadtu fuk li sar f'dic il *Lakgħa*. Illum ingibu biss l'ittra li biha ŭiegibna għall li stedina: ittra li bagħtniha bit-Taljan, imma haŭn fissirniha hecc:—

«Unjoni Cattolica,
Valletta, Strada Forni, 94,
(*Palazz Caraffa*)

«Il *Habib*
fit-22 t'aŭissu, 1913.

«Magħruf Avucat Mizzi,

«Marbut mil chelma li cont tajt kabel għal lakgħa oħra, pitgħada ma ncunx nista' nigi għall *Lakgħa ta daŭc li iħottu il mercanziji ix-Xatt*. Imma, la m'hix ħaġa li tmiss il pulitica, barranija għall gażetta li jen għandi l'onur immexxi, iżda tkankila contra it-*trust* (*rabta*) tal Agenti tal vapuri li ħadu sehem fil ftehim ta ġunju li għadda—*rabta* li tgħarrak l'actar bżonnijet cbar ta daŭc in-nies tagħna li jaħdmu ix-Xatt fil ħatt tal mercanziji u li jinsabu diġà magħfusin min-nukkas tax-xogħol li ilu snin igħacches il Pajjiż—jena ninghakad b'kalbi collha mal *Lakgħa* u nitma li id-deni li irid jagħmel it-*trust* bi ħsara tal imsejcnin ħaddiema tagħna ma jirnexxix.

«Bil kima tiegħi collha,

«G. Muscat-Azzopardi
«Direttur tal *Habib*.»

## Chitbulna:—

I

Malta collha taf bis-sbieħ festi li saru il Birgu nhar S. Laŭrenz din is-sena; għaliex Malta bi ħġarha niżlet il Birgu, bħal ma Malta bi ħġarha inġabret hemm fis-sena 1565, biex tistchenn mil balal, mil vleġeġ, mix-xŭabel toroc, li chienu kiegħdin jaħsdu fil campanja rjus ta nsara iżjed milli il mingell jaħsad żbul fis-sajf.

Ma x'differenza allura mn'issa! Allura cullħadd mriegħed u mbażża li il misilmin mal jasar chiefer, jaħtfulna ucoll il Fidi, u issa cullħadd ferħan, bil cliem tal Cbir Leone itenni: *Nithenneŭ, iva, b'ħena tar-ruħ u niftaħru bil meŭt ta dan il Bniedem tal għageb fl'isem t'Alla, ammirabbli fil kaddisin tiegħu: għaliex lilu tana bi Protettur u b'esemplar, u ried li id-dinja collha, mittluħ sa nżul ix-xemx, tiddaŭŭar bil glorja tiegħu....*

Żeŭġ ħŭejjeġ biss ser' insemmi li jistħokkilhom li icunu magħrufa u imitati fil festi religjusi li isiru haŭn fil Gżira. Inclelè meta nispiċċa?!

Dun Carm Żammit d.d. li għamel dis-sena

in-Novena ta S. Laŭrenz, f'articlu li chiteb fil Habib gimghatejn ilu, ghemghem birraġun u tcaża bix-xenati li isiru minn certi nies, ŭakt il briu tat-Titulari. Chellu elf raġun! B'consolazioni ta dan iz-zelanti Sacerdot, f'din is-sena, ma dŭar il Vara inġabru il giuvintur tal Congregazioni ta S. Lŭigi, bit-torci f'idejhom u b'cant l'iżjed ħelu, ma ħalleŭ il ħadd jersak lejn il Vara, u b'hecc mil bidu tal procissjoni sachem daħlet il Vara il Cnisja, l'ebda ghaita, imma inni biss. Chienet tas-seŭ xena l'iżjed edificanti, li nittamaŭ tcun imitata m'illum il kuddiem fl'ibliet u fil campanja. Niżżu-ħajr ll'Alla, ghax ix-xeŭka li dejjem chelna fl'aħħar giet maktugha. Almenu ma ħdimniex fir-riħ!!

U il musica li chelna, tas-Sur Mast Vassall, bħas-soltu, min ma ifaħħarhiex? Oħ x'serietà, o xi ħleŭŭa, o x'ghaxka ta cant tat-tfal, o xi ġmiel, x'raccmu ta orchestrazioni, x'perfezjoni ta dakk!! Hecc ghandha tcun il musica tal Cnisja. Jen stħajjiltni il Genna. U il Cnisja ma hiex genna fl'art? Saksu lil x'ŭieħed mil Birgu (hecc ma hux ibleħ) biex ibiddlu il Mastru di Cappella u dan iŭieġbec: Katt ma icun!! Jafu in-nies tal Birgu jaghmlu differenza bejn Tiatru u Cnisja!! Imbaghd, tisma xi kassis........Ma biż-żejjed, ghax li chien il cliem ġaŭhar, is-schiet dejjem aħjar minnu!

Ictis.

II.

Ghażiż Sur Direttur,

Nitolboc li tcun compiacenti u tippermettili nicteb żeŭġ versi fil mexxej ġurnal tieghec li permezz taħħom nincoragixxi lis-Sacerdot Dun Ġŭann Mamo, li dan barra mil Oratorju li ŭakkaf f'Ħal Tarxien, li fiħ ġabar bosta tfal, issa ŭakkaf f'listess Oratorju Teatru li fiħ kieghdin jigu eseguiti l'isbaħ drammi sagri u ghal dan id-divertiment onestissimu mhux it-tfal biss ingibdu lejn l'Oratorju imma anche l'aħjar familji taż-żeŭġ irħula.

Jena nati prosit minn kieħ kalbi lill'aħŭa Pulis ghad-drammi collha li s'issa ħadmu b'tant success, specjalment l'aħħar ŭieħed *San Sebastiano*, li fl'esecuzioni tieghu ma chienx hemm ruħ li ma ħassitx ghafsa ta kalb.

Prosit lid-dilettanti collha, u prosit lil Dun Ġŭann, li b'dan il mod gibed lejn l'Oratorju in-nies tar-Raħal collha.

Ammiratur.

## Lill TROFIMU.

Is-saħna orkod lejl jeŭ tnejn fukha—ighid il Malti—ghax inchella issib ŭara li xi ħŭejjeġ ma contx tħallihom jaħarbulec minn fommoc! U hecc ghamilna aħna mas-Sur *Trofimu*: imm'issa, ŭara li ħallejnieħ jistenna gimgha, natuħ li ħakku.

Kabel xejn, nghidulu li hu ghażel isem ma jixraklux. *Trofimu* chien ma *Paŭlu*: u inkas ŭara elfejn sena ma irid min ikieghdlu f'fommu daŭc l'ereżiji fuk li Storja ta *Malta* u ta *Sħabu*. Fuk daŭc il *Ġrajjet* m'hemm xejn sgur ħlief dac li ħalla mictub *San Luka*: il bkija collha *ħsiebijet* u *fehmiet* ta Chittieba li geŭ mijet ta snin ŭara! Ftehemna?!....

Tarġa, aħna ma nħobbux inħaŭŭdu ħaġa ma oħra: dac li isir barra mil Cnisja (basta mhux ŭakt li ghaddejja il *Processjoni*, ghax il *Processjoni* hi li stess *Cnisja miexja fittorok*) ma ghandux x'jaksam mal funzjonijet imkaddsa ta geŭŭa; u nifhmu aħna li ftit tal ferħ fil festi ta barra ma jaghmelx ħsara. Iżda, minn ghalina, u la nieħdu gost miż-*żfin taħt il palchi tal banda* u inkas bil ghajjàt u it-tŭerzik ta nies donnhom ħierġin minn *Ŭied-Incita*, biex ma nghidux mill'Infern, kuddiem il Vari. Ftit tal ħmerijet minn daŭn tal aħħar isiru cull imchien: imma l'actar *feroci* huma ta pajjiż *Trofimu*, fejn, ghax tghid, imisshom isiru l'inkas. Min iħobb tas-seŭ il Malta, ma jistax jaħsibha xort'oħra!

Fl'aħħar, imbaghd, aħna *daŭc il ħbieb*—siŭed, bojod jeŭ cannella!— inħobbuhom xorta ŭaħda: ghax mhux lilhom inħobbu u inkimu, imma *dac li huma*. Ftehemna?!—U dan il mument actar ghandna ħbieb tal cunfidenza minn daŭc li iħobb hu jeŭ minn daŭc li jobghod! Jakra il *Habib*, mill'eŭŭel sal aħħar ħarġa tieghu; u isib li ghal cull *ŭieħed* mil *ghedeŭŭa* faħħarna *ħamsa jeŭ sitta* mil *ħbieb* tieghu! Ftehemna?!....

X'ghandna naghmlu jecc il Professur

*bħal ajcla fuk l'oħrajn itir fil ghôli?*

ghandna niċħdu dan il gieħ lill Malta, biex ma nnaffrux il *boloħ*?.... Fost daŭc li *hu iħobb* (u aħna ucoll inħobbuhom, u inħobbuhom tas-seŭ ghal *dac li huma*, u inħobbuhom aħjar minnu) disgha minn cull ghaxra jaħsbuha bħalna. Mela, jista' jokghod sgur (jecc il *fanatiżmu tal partit* iħalli moħħ lill bniedem biex jirragjuna) jista' jokghod sgur is-Sur *Trofimu* li il *ghasafar il cbar*, jittajjru mnejn jittajjru, actar jersku lejn il kasam taghna jeŭ lejn tieghu. U *ghasfur cbir* mhux il barumbara fejn tbejjet taghmlec, imma id-dehen u il ghakal li jatic Alla! Ghal hecc jiġri li xi *ghasfur cbir* issib f'cull barumbara: u collha jarfghu riġlejhom minn kalb il *lakx* u il *ghagha* tal art, biex jittajjru il-fuk bi ħsieb ŭieħed: u aħna niġru ŭara it-titjir taħħom *collha xorta ŭaħda!* Ftehemna?!....

Inħobbu ir-Religjon taghna, mhux il partiti tal festi; inħobbu il Malta, b'li Storja taħħa chif in hi glorjusa, mhux chif iridu ighaŭŭġuha il boloħ; inħobbu il Maltin li jaghmlulna onur, cull fejn insibuhom.

Jecc is-Sur *Trofimu*, ŭara dan li ghednielu, irid jigi isibna u ichellimna b'ŭiċċu micxuf, aħna nittamaŭ li jirnexxilna inneħħulu ħafna bżieżaħ minn moħħu u naghmluħ ħabib taghna: imma *ittri anonimi* ma ghandux ghax jibghatilna actar u jitlef iż-żmien jecc ifittex fil *Habib* tŭiegiba oħra.

## Ma dûar id-dinja.

*Gŭerra fil Balcani*—Intennu dac li ghedna il gimgha li ħarget, jigifieri li il paci f'daŭn il pajjisi ma icollhiex ghomor tŭil. It-Turchija approfittat ruħha mil gŭerra chiefra bejn li Stati tal Balcani, chisret ittrattat ta Londra, u m'hix cuntenta li reġghet daħlet f'Adrjanopoli, imxiet u kieghda timxi il kuddiem, ghalchemm il Potenzi il Cbar ŭisseŭha u hedduha per mezz tal Ambaxxaturi taħħom f'Costantinopoli.

L'Ambaxxatur Russu fi żjara li ghamel lill Gran Viżir ghemghem mieghu fuk il l'imgiba tat-Turchija, il Gran Viżir ċaħad li it-Toroc imxeŭ il hinn minn Maritza, iżda ghalli jista icun kuddiemu stess u kuddiem l'Ambaxxaturi l'oħra tà l'ordni li ittruppa turca tarġa l'ura. Iżda dana donnu daħc fil ŭiċċ, ghaliex hemm biża li it-Turchija ma ddumx ma tiddichiara gŭerra u timxi fuk Filippopoli sabiex iġġaghal lill Bulgarja ticcuntenta li it-Turchija iżżomm Adrjanopoli. Intant ighidu ucoll li ir-Russja fi ħsiebha tmidd idejha sabiex iġġaghal it-Turchija tokghod ghat-trattat ta Londra, u ġà theddida huma il movimenti ta certi fregati u ta vapuri sabiex ighabbu suldati.—Il Grieghi, imbghad sejjrin jibkghu iżommu ghal xi żmien l'art li chellhom iciedu lill Bulgarja, sa chemm din ma tcunx lesta biex tidħol, ghaliex jibżghu li it-Turchija taghmel taħħa.

*Aŭstrja*—F'Pola fil ŭakt li chienu jippruvaŭ canun ġdid, dana xpacca, katel tlieta, u fiera ħamsa ghall meŭt. Il Vici Armirall Conti Von Wellenburg chellu riġlejħ it-tnejn imtajjra.

*Naŭfragi*—Il vapur *State of California* fil ŭakt li chien miexi bil kaŭŭa collha, ħabat ma blata, li ma tinsabx maħżuża fil Carti tal baħar u niżel fi ftit minuti. Mil passiġġieri, li fil ŭakt chienu riekdin, actar minn ħamsa u ghoxrin gherku flimchien ma sebgha u ghoxrin mill'equipaġġ: iżda il Captan ma erbghin oħra salva fuk bċejjeċ tal injam.

Hecc ucoll il bastiment tedesc *Susanna* ta 1975 tonnellata li minn Inquique chien sejjer Amburgo, ŭara 92 jum ta vjaġġ ħabat fuk li scolji ta Skallija u baka nieżel.—L'eqŭipaġġ ta 23 ruħ chemm chemm chellu żmien iniżżel id-dghajjes u isalva fukhom—ŭaslu l'art bit-turija tas-sajjeda ta Santa Anjese.

*Lourdes*—Ix-xahar ta Aŭissu hu ix-xahar tal Pellegrinaġġi, li imorru iżuru dac il cbir Santŭarju fejn dehret Ommna l'imkaddsa Marija lill Bernardetta Soubirous fis-sena 1858. Il Pellegrini jieħdu maħħom dejjem xi morda u cull sena isiru miraculi li jiġu ivverificati minn bosta tobba. Din is-sena ġo tliet ti jem saru dsatax il miraclu u collha cbar, ŭieħed minnhom f'mara li chienet imbieghda mil Cnisja: mal fejkan tal gisem chellha ucoll dac tar-ruħ. Il Papa f'daŭn il ġranet approva id-deċiżjoni tas-Sagra Congregazzjoni tar-Riti fuk il Beatificazzjoni ta Benardetta.—Nifirħu bil bosta.

*Cina*—Sar tifun (riefnu) ta kaŭŭa cbira li l'icbar ħsara ghamilha f'Macao—bosta xprunari u dghajjes inkalbu u gherku—hecc ucoll gherku 150 ruħ ħdejn Barsaford, fejn ucoll niżlu ħafna dghajjes.

*Messicu*—Ir-rivoluzzjoni kieghda tcompli dejjem—inxeħtet bomba ta dinamite f'nofs ta triek ta Tacubaya: actar minn mit ruħ geŭ maktula, actarx nisa u tfal.

L.M.C.G.

## DIES IRAE.

Jum il Hakk edac il jum
Li Bin Eva fiħ ikum
Jara s-sema u l-art iddub:
Liema beżgha ghal bin id-dnub!

Tidŭi t-tromba, jleħħu s-sriep
Tfakka ż-żilżli u nar hebhieb
L-art ixokk minn ġo s-smeŭŭijet,
L-okbra jtajjar u li mŭiet.

Ċakcik l-ghadam ked jissaŭŭar;
Spirti mgeŭŭha l-ajru tfaŭŭar;
L-Infern jiftaħ, xjaten tħuf:
Collha ghal Ŭied mil l-erbgħa ħuf.

Titkaŭŭa 't-tromba, u Dac li darba fdiena,
Tal Hakk Imħallef, le missier tal Ħniena,
Nilmaħ fuk sħaba bajda b-dija mfaŭŭar,
Bil berak u is-sajjetti u l-Angli mdaŭŭar.

F-dac il jum tal beżgħa, f-dac il jum ta' killa,
Meta jħaġġgu 's-sema u l-art iddub fi xrara,
Min? tal midneb min? Gesù se'jcun, l-għamara?
Min Gesù? min ħliefec? min se' jcun, jeŭilla?!

G. Micallef.

Mil Lucerna tal Ħajja.—70. Min hu t'Alla, ma jibżax mis-sacrificci; min hu taddinja, ma ifittexx ħlief misirieħ.

## MOGHDIJA TAŻ-ŻMIEN.

MONOVERB

(*Xarada ta chelma ŭaħda*).

(6)

**U$^{100}$N**

S. S.

It-tŭieġiba tal aħħar Mistoksija chienet: *Mit-buk*—mitbuk.

Taŭha tajjba: mil Belt, ir-Rev. Dun G. F. u is-Sinjuri Censu Borġ u S. Barbara. Ftit ŭisk!